

Brussell, 20 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15893/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0382(COD)

ENER 522
CLIMA 357
CONSOM 407
TRANS 571
AGRI 710
IND 384
ENV 1082
CODEC 2114

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	15236/17 ENER 486 CLIMA 335 CONSOM 383 TRANS 532 AGRI 666 IND 352 ENV 1015 CODEC 1969 +COR1 +ADD1 +ADD1COR1 15120/1/17 ENER 417 CLIMA 168 CONSOM 298 TRANS 479 AGRI 650 IND 261 ENV 757 IA 130 CODEC 1802 REV 1 (en) + ADD 1 REV 1 (en)
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni)

Fit-18 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali dwar il-proposta msemmija hawn fuq, abbażi tad-dokumenti ST 15236/17 +ADD1 +COR1 +ADD1COR1, ikkomplementati bil-bidliet kif jidher fl-Anness.

N.B. Il-bidliet proposti meta mqabbla mad-dokument 15236/17 + COR 1 jidhru **f'test b'tipa grassa u sottolinjata**.

- Fil-paġna 33, premessa ġdida 64ter hija miżjuda, li taqra:

"(64ter) Fid-dawl tal-limitazzjonijiet klimatiċi li jillimitaw il-possibbiltà tal-konsum ta' ċerti tipi ta' bijofjuwils minħabba kwistjonijiet ambjentali, tekniċi u tas-saħħa, u minħabba d-daqs u l-istruttura tas-suq tal-karburanti, huwa xieraq li Ċipru u Malta, għall-finijiet tal-wiri tal-konformità mal-obbligi nazzjonali ta' enerġija rinnovabbli fuq il-fornituri tal-karburanti, għandhom ikunu jistgħu jqisu dawn il-limitazzjonijiet inerenti."

- Fil-paġna 52, il-punt (gg) għandu jaqra:

"(gg) "fornitur tal-karburant" tfisser l-entità li tforni l-karburant fis-suq **li tkun** responsabbli għat-tgħoddija tal-karburant [] minn punt ta' dazju tas-sisa jew, **fil-każ tal-elettriku jew** fejn l-ebda sisa mhi dovuta jew **meta tkun debitament ġustifikata**, kwalunkwe entità rilevanti oħra maħtura minn Stat Membru;"

- Fil-paġna 92, l-Artikolu 25(1) it-tielet subparagrafu għandu jaqra kif ġej:

"F'dan is-sehem totali, il-kontribut tal-elettriku rinnovabbli għandu jitqies li jkun 5 darbiet il-kontenut tal-enerġija tiegħu meta jkun fornut lil vetturi tat-triq u d-doppju tal-kontenut tal-enerġija meta jkun fornut lit-trasport ferrovrarju."

- Fil-paġna 93, l-Artikolu 25(1) is-seba' subparagrafu għandu jaqra kif ġej:

Għall-kalkolu tal-konsum finali gross ta' Stat Membru tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli stabbiliti fl-Artikolu 7 u s-sehem stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, il-kontribut minn bijokarburanti u bijolikiwidi, kif ukoll minn karburanti mill-bijomassa kkunsmati fit-trasport, jekk prodotti mill-ikel jew mill-għalf, m'għandux ikun aktar minn 7% tal-konsum finali tal-enerġija fit-trasport bit-triq u l-ferrovija f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limitu aktar baxx u jistgħu jiddistingwu għall-finijiet tal-Artikolu 26(1) bejn tipi ta' bijokarburanti, bijolikiwidi u karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf, abbażi ta' kategoriji stabbiliti fl-Anness VIII, pereżempju billi jiffissaw limitu aktar baxx għall-kontribut mill-bijokarburanti bbażati fuq għelejjel mill-ikel u l-għalf, waqt li jikkunsidra l-impatt tat-tibdil indirett fl-użu tal-art. F'każ li Stat Membru jiddeċiedi li jillimita l-kontribut minn bijokarburanti prodotti mill-ikel u l-għalf għal sehem aktar baxx minn 7%, dak l-Istat Membru jista' jnaqqas kif meħtieġ is-sehem ġenerali msemmi fl-ewwel subparagrafu."

- Fil-paġna 105, l-Artikolu 26(8) it-tieni subparagrafu għandu jaqra kif ġej:

"Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għal installazzjonijiet li jibdew joperaw jew konvertiti għal karburanti tal-bijomassa wara [3 snin mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva]. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1, din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-appoġġ pubbliku pprovduti taħt skemi approvati sa [3 snin mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva]."